KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 88

**Il-Ħamis 28 ta' Frar 2019**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre,* Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel Attard ppresjeda l-laqgħa.

## 88.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

88.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġija x’jinqraw.

## 88.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

88.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

88.2.2 Kien hemm qbil b’mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 88.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

88.3.1 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tassigura li s-siġar u t-tabelli kollha li waqgħu bil-maltemp jitneħħew mill-aktar fis possibbli.

88.3.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru strutturi tal-ħadid bil-ganċijiet għall-boroz taz-zibel sabiex ikun hemm aktar organizzazzjoni fid-*drop off points*. Kien hemm qbil.

88.3.3 Għall-mistoqsija dwar is-CCTV Cameras is-SE infurmat li kienet kitbet lill-Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni. Il-Kunsill talabha tibda l-proċess sabiex jitwaħħlu l-arbli u l-cameras sakemm ikun hemm risposti lura bl-approvazzjoni.

88.3.4 Fuq suġġeriment tas-Sindku fir-rigward tal-*Outdoor Gym* fi Ġnien is-Sinjura kien hemm qbil li jinxtraw erba’ biċċiet ta’ *equipment* kif ukoll *rubber-matting* għal taħt. Is-SE infurmat li kienet ġabet xi kwotazzjonijiet u kienet se tqabbel l-aħjar possibbiltajiet li tista’ sal-massimu ta’ *direct order*.

88.3.5 Kien hemm qbil ukoll li s-SE għandha tivverifika jekk hux possibbli li fil-ġnien tal-bandli jeħlu zewġ biċċiet ta’ *equipment* tal-*gym* ukoll.

88.3.6 Is-Sindku informa li wara li ntbagħtet l-ittra lill-bank, huwa kien kiteb ukoll lill-Ministru dwar it-talba tal-Kunsill għal ATM. Dan tal-aħħar kien wiegħed li se jipprova jassisti lill-Kunsill.

88.3.7 Is-Sindku talab lis-SE sabiex matul dawn il-ġimgħat jinbeda x-xogħol fuq pubblikazzjoni dwar ix-xogħlijiet tal-Kunsill matul din l-aħħar leġizlatura.

88.3.8 Is-Sindku informa li matul dawn il-ġimgħat kienet se tibda ssir promozzjoni tal-proġetti tal-Kunsill bil-mezzi soċjali, mingħajr kuntent politiku imma bil-proġetti kollha li twettqu matul is-snin.

88.3.9 Is-Sindku informa li kienet ħarġet it-tieni sejħa pubblika għar-rikostruzzjoni tat-toroq minn IM. Fl-ewwel sejħa l-gvern ikkonferma li se ssir rikostruzzjoni ta’ Triq il-Kavallier Bonello u Triq il-Pepprin filwaqt li fit-tieni sejħa ġew ikkonfermati Triq Frans Galea, Triq ir-Razzett l-

Aħmar, Triq Mikiel Fsadni u Triq Joseph Calleja. Huwa informa wkoll li apparti Triq Sir A. Fremantle u Triq il-Maqdes Ruman huwa kien qed jagħmel ħiltu biex isiru wkoll Triq Proserpina u anke Triq San Oswald. Fir-rigward ta' Triq Konti Salv Manduca huwa informa li kien sar kuntatt mas-sid tal-għalqa u għaldaqstant kien hemm possibbiltà kbira li ssir l-esproprjazzjoni tal-għalqa biex titwessa t-triq.

## 88.4 Aġġudikazzjoni tal-offerta tal-Knis (MTFLC/T/001/2019)

88.4.1 Is-SE għaddiet kopja tar-rapport tal-evalwazzjoni ffirmat mill-bord sabiex kulħadd jara r-rizultat u r-rakkomandazzjoni tal-bord.

88.4.2 Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-bord u għaldaqstant kien hemm qbil li jintagħzel il-kuntrattur li ġie fl-ewwel post skont l-ezerċizzju tal-BPQR.

## 88.5 Rapport dwar spejjez b'relazzjoni mal-ġemellaġġ ma' Pumpherston

88.5.1 Is-SE skuzat ruħha u infurmat li ma kinitx laħqet lestiet dan ir-rapport u għaldaqstant kienet se tipprezentah fil-laqgħa li jmiss.

G]all-mistoqsija tas-Sindku, is-SE infurmat li bejn wieħed u ieħor, intefqu madwar €27,000 imma l-Kunsill irnexxielu jirkupra lura l-maġġorparti tan-nefqa bejn grant mill-UE u l-ko-finanzjament min-naħa tad-Dipartiment. Dettalji ezatti jkunu jistgħu jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

## 88.6 *Memorandum of Understanding* bejn il-Kunsill u l-Kurja

88.6.1 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien it-8pm.

88.6.2 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu ltaqgħu ma' rapprezentanti tal-Kurja kif ukoll mal-Kappillan fejn kien hemm qbil fil-prinċipju dwar il-bzonn li z-zona li tappartjeni lill-Knisja u fejn suppost kellha tinbena l-Knisja l-ġdida u li llum tintuza bħala parkeġġ, għandha tiġi pavimentata interament. Kien ġie diskuss ukoll l-uzu ta' dan il-parkeġġ, kemm għall-fini tal-Knisja kif ukoll tal-Kunsill Lokali.

88.6.3 Huwa qara numru ta' punti li se jiddaħħlu fl-MoU. Kopja tal-punti hekk kif moqrija u approvati mill-Kunsill se jiġu mgħoddija lill-Kurja sabiex jiġi ffirmat l-MoU. Il-lista intera qed tiġi mehmuza hawn.

88.6.4 Is-Sindku informa li sadanittant il-Kunsill kien f'kommunikazzjonijiet mal-Periti sabiex jinstab parkeġġ alternattiv biex jagħmel tajjeb għal dan il-parkeġġ. Prinċiparjament se jizdiedu l-parkeġġi fi Triq ir-Reġimenti Maltin, se ssir applikazzjoni għal parkeġġ bejn l-entratura ta' Binja Santa Lucija u Triq it-Torri tal-Arloġġ u jiġi kreat aktar parkeġġ ukoll quddiem Binja Buqana.

Sadanittant is-SE infurmat li kienet għaddejja b'xogħol preparatorju għall-offerti tat-torri tal-arloġġ u l-bini taċ-ċentru għall-interpretazzjoni flimkien mal-periti tal-Kunsill u xogħol ieħor amministrattiv flimkien mal-*Project Manager*. Hija infurmat li suppost fil-ġimgħat li ġejjin se jkun ingħata bidu għax-xogħol ta' restawr fuq it-torri mal-kuntrattur li rebaħ l-offerta.

## 88.7 Jum l-Imtarfa 2019

88.7.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li jinzammu zewġ attivitajiet biex jiġi kkommemorat Jum l-Imtarfa, waħda l-Ġimgħa (lejla poe-muzikali) u attività oħra s-Sibt flgħaxija fil-Pjazza. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Minħabba impenji kbar li għandha l-amministrazzjoni fuqha fil-prezent, talbet lill-Kunsilliera biex jagħtu daqqa t'id fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet.

88.7.2 Għall-mistoqsija dwar l-għoti tal-premji, kien hemm qbil li jitħalla kollox bħas-soltu.

## 88.8 Talba għal devoluzzjoni ta' parti mill-bankina fi Triq l-Imtarfa

88.8.1 Is-Sindku informa li kellu talba sabiex tinxtara parti mill-bankina l-wiesgħa li hemm faċċata tal-ħwienet fi Triq l-Imtarfa.

88.8.2 Huwa wera wkoll il-pjanti li għaddielu s-sid tal-proprjetà u li kienu ġew sottomessi mat-talba. Minħabba nuqqas ta' qbil, ittieħed vot fejn 4 vvutaw favur u 1 kontra din it-talba. Kien hemm qbil ukoll li għandhom jingħataw il-kundizzjonijiet li ġejjin: Issir bankina ġdida minn din il-persuna flimkien ma' bankijiet ġodda; ma jistgħux isiru applikazzjonijet ġodda għall-kostruzzjoni f'dan il-punt; u li l-veduta m'għandhiex tiġi ostakolata.

## 88.9 *Speed Camera/s* fil-lokalità

88.9.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand LESA fejn dawn talbu lill-Kunsill jinfurmahom jekk jixteiqx xi *speed camera*.

88.9.2 Sadanittant infurmat li t-talba tal-Kunsill dwar ranep fi Triq San David ma ġietx milqugħa.

88.9.3 Il-Kunsill qabel li naghmlu talba għal *speed cameras* fi Triq San David u Triq l-Imtarfa.

88.9.4 Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Mifsud ġibdu l-attenzjoni tas-SE li s-*sleeping policeman* ta' Triq l-Imtarfa kienet għadha ma tranġatx.

## 88.10 Punti oħra

88.10.1 Is-SE infurmat li Ambjent Malta kienu avviċinaw lill-Kunsill sabiex jgħinu f'xi proġett ambjentali u wara spezzjoni kien hemm rakkomandazzjoni li jgħinu lill-Kunsill sabiex issir rijabilitazzjoni tal-bosk tan-naħa t'isfel billi jsir it-tindif kollu neċessarju, jinqatgħu s-siġar il-morda, isir *shredding* bil-makkinarju tal-PARKS, tiġi ffaċilitata mogħdija bejn in-naħa ta' fuq u l-parti t'isfel tal-bosk, u jsir taħwil ta' siġar ġodda indiġeni. B'zieda ma' dan kollu, is-Sindku u s-SE kienu ġew mistiedna għal laqgħa fejn se tiġi kkonfermata l-għajnuna ta' Ambjent Malta f'dan il-proġett.

88.10.2 Is-Sindku informa li matul il-ġimgħa li għaddiet kienu tneħħew il-ġebel minn mal-*planters* ta' Triq il-Ġilju u Triq il-Ġizi minħabba l-periklu. Huwa talab lis-SE sabiex jitnaddaf il-*planter* sewwa fejn bħalissa hemm 3 palmiet u jittella' ċint bil-ġebel tas-7". Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-periti kif ukoll il-kuntratturi l-oħra li attendew għal-laqgħat fuq il-post kienu

ssuġġerew li ċ-ċnut jitħaxxnu aktar milli jirqaqu. Min-naħa l-oħra kien hemm deċizjoni unanima biex dan il-*planter* jittella' skont kif issuġġerit mis-Sindku.

Hawnhekk skuzat ruħha l-Kunsilliera Bugeja. Il-ħin kien id-9:25pm.

88.10.3

Il-Kunsill approva li jħallas is-somma ta' €1150 bħala sussidju għall-korsijiet mat-TCTC,
88.10.4 kemm għar-Robotica kif ukoll għall-Coding għal matul is-Sajf.

Is-Sindku informa li kif kien maqbul xi zmien ilu fil-kunsill kien se jsir *survey* mar-residenti
88.10.5 dwar is-sodisfazzjon tagħhom fir-rigward tas-servizzi mogħtija mill-Kunsill.

Fuq talba tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li titwaħħal *floodlight* sabiex tagħti għall-
88.10.6 parkeġġ tan-naħa t'isfel ta' Binja Qlejgħa.

## 88.11 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana

88.11.1 Il-Kunsillier Mifsud semma' li kien għaddej bix-xogħol tal-ktejjeb tar-Regjun li kien se jinkludi ritratti, informazzjoni storika u intervisti ma' nies tal-lokalitajiet differenti. Huwa informa li l-ħsieb huwa li dan il-ktejjeb jiġi ppubblikat u launched f'Mejju li ġej.

## 88.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

88.12.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Vella propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 88.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

88.13.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8:20pm u ġiet aġġornata għall-Hamis 28 ta' Marzu 2019 fis-7:15pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 28 ta' Marzu 2019.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |